MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru 470/2007

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
STEFANO MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Stefano Muscat, ta' 21 sena, iben Carmel u Antonia nee' Fontebrero mwieled il-Pieta' fl-14 ta' Awissu 1985, residenti '48', Triq San Gwann Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita numru 404885(M).

U akkuzat talli; fit-3 ta' Mejju 2007 ghall-habta tad-9:40 ta' fil-ghodu fi Triq Fuq San Pawl, Bormla, kkommetta serq ta' portmonie minn fuq il-persuna ta' Teresa Caruana anzjana ta' sebghin sena (70 sena) li kien fih flus kontanti u oggetti ohra.

Akkuzat wkoll talli; fil-21 ta' April, 2007 ghall-habta tal-11:30 ta' fil-ghodu fi Triq Sant'Anna, Floriana, kkommetta serq ta' portmonie minn fuq il-persuna ta' Helen Mizzi, anzjana ta' tmienja u sebghin sena (78 sena) li kien fih flus u oggetti ohra.

Akkuzat wkoll talli; fis-6 ta' Awissu, 2006, ghall-habta tal-4:45 ta' wara nofsinhar mill-Bajja s-Sabiha B'Bugia, kkommetta serq ta' basket li kien fih flus kontanti, apparat cellulari tal-marka 'Sharp-GX15' u diversi oggetti ohra ghad-dannu ta' Francesco Ronsisvalle liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin.

U akkuzat ukoll talli; fl-24 ta' Awissu, 2006, ghall-habta tas-6:15 ta' wara nofsinhar mill-Bajja s-Sabiha, B'Bugia, kkommetta serq ta' basket li kien fih flus kontanti, digital camera tal-marka 'Kodak' u oggetti ohra ghad-dannu ta' Suzanne Frazer liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin.

U akkuzat ukoll talli; fit-23 ta' Awissu, ghall-habta tal-11:00 ta' fil-ghodu mill-Bajja ta' San Tumas M'Scala, kkommetta serq ta' basket li kien fih flus kontanti, digital camera 'Sony' u apparta iehor ghad-dannu ta' Malcolm Joseph Joens, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin.

U akkuzat ukoll talli; f'xi gurnata matul ix-xahar ta' April, 2007, minn 'Ta' Pisani Guest House', sitwata fi Triq tal-Borg, Paola, kkommetta serq ta' apparat cellulari ghad-dannu ta' Liang Fu Yu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin, bil-persuna u bil-lok.

Akkuzat illi; fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk dan kien sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew biex imexxihom.

U akkuzat ukoll talli; fl-4 ta' April, 2005, ghall-habta tas-1:30 ta' wara nofsinhar fil-fond bl-isem 'Daniel' 19 Triq il-

Kapuccini Haz-Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsarat, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Joanne Axisa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.12) u tal-imputat (a fol.9) sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-'pre-sentencing report' Dok.JF a fol.48 et seq..

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (fol.77);

Semghet il-konferma ta' l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat Stefano Muscat, hati skond l-akkuza ghajr ghas-sebgha akkuza cioe dik tar-ricettazzjoni illi hija alternattiva ghall-akuzi ta' serq, li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 268, 269, 325 276A, 281(C) Artiklu 28A, 28G u 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre tqeghdu taht supervision suspended order that is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probabtion Services jew probation officer iehor minu nominat u dana ghal perijodu ta' tlett snin. Di piu il-Qorti tordna hrug ta' compensation order kontra l-imputat f'ammont ta' (3,101.04 Euro) li ghandhom jithallsu lil-kwerelanti Joanna Farrugia, fi zmien sitt xuhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat illi ga gie moghti opportunita' ghal riforma minn Qrati ohra, in vista ta' l-ammissjoni pjuttost bikrija ta' l-imputat u in vista tal-

fatt li l-imputat obliga ruhu illi jhallas lil kwerelanti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------